MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 1/2012

**Appell Nru. 1/2012**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Robert Spiteri**

**Illum 28 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Robert Spiteri [detentur tal-karta tal-identita` numru 167069(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Ottubru 2007 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Talli fid-29 u fit-30 ta’ Ottubru 2007 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Dicembru, 2011, li biha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' hames (5) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv <u>biss</u> in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €156.17, li ghandhom jithallsu fi zmien

sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti u tvarja l-istess sentenza fejn ikkundannatu ghall-piena ta' hames snin prigunerija u multa ta' tlett elf Ewro u tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u errogat piena eccessiva fic-cirkostanzi.

Illi kif jirrizulta b'mod manifest mill-istess sentenza quddiem l-ewwel Qorti kien sar patteggjament bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni. Fil-fatt sar verbal idone fit-12 ta' Dicembru 2011 fejn gie rakkomandat li l-piena kellha tkun ta' tlett snin prigunerija.

Illi pero' l-ewwel Qorti fi flit kliem uriet li ma' kinitx qed tghati kas il-pattegjament li kien sar quddiemha u dan b'sorpriza kemm ghad-difiza u kif ukoll ghall-prosekuzzjoni.

Illi indubbjament din l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti kienet wahda erronea ghal kollox.

Illi huwa minnu li l-istitut tal-plea bargaining quddiem il-qrati inferjuri mhux regolat bil-ligi.

Illi in effetti dan l-istitut gie introdott fil-ligi penali taghna bl-artikolu 453A tal-Att III tas-sena 2002. Sfortunatament din l-emenda tapplika biss ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi mbaghad l-artikolu 393A(5) jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu surefferit ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma' l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati.

Illi jerga' jinghad per sfortuna li dawn l-emendi ma jirreferux ghall-proceduri quddiem qrati inferjuri fil-vesti taghhom bhala qrati tal-Gudikatura Kriminali.

Illi madanakollu jinghad li kienet ilha l-prassi quddiem dawn il-Qrati li jsir pattegjament mhux formali u allahares kien mod iehor ghaliex kieku hafna kawzi li jistghu jigu konkluzi b'mod spedit jibqghu jiddilungaw ruhhom inutilment a pregudizzju tal-istess retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi fl-isfond ta dan kollu il-kwistjoni finalment giet rimessa l-Qorti tal-Appelli Kriminali li tat linji gwida ta' kif ghandu ta' bilhaqq isehh il-pattegjament quddiem il-Qrati inferjuri.

Illi hawn id-difiza tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Mario Spagnol deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri tas-6 ta' Jannar 2005 hawn il-Qorti verbatim qalet hekk *"... mhux eskluz li anke quddiem dawn il-Qrati (qrati inferjurji) il-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sansjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta ' ammissjoni ta' htija ".*

Illi din il-Qorti pero' ifformalizzat kif ghandu jsir dan it-tip ta' pattegjament quddiem il-Qrati inferjuri. Il-Qorti qalet: "... dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe jew bil-fomm waqt l-udjenza u cioe in open court jew permezz ta ' xi att gudizzjarju."

Illi d-difiza ben konsapevoli ta' din is-sentenza anke peress li l-avukat sottofirmat kien jippattrocinja lill-appellant f'dik il-kawza qaghad attent li jimxi verbatim ma dak ennuncjat f'dik is-sentenza.

Illi in effetti l-pattegjament sar bil-miftugh quddiem il-Qorti.

Illi dik l-istess Qorti ikkumentat ... *"il-Gudikant jista' jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni u sia jekk le x' forma partikolari ser ikollha s-sentenza li ha jkun ser jaghti".*

Illi kuntrajament ghal dak li affermat l-ewwel Qorti mhu veru xejn li huwa vjetat li jsiru pattegjament quddiem il-Qrati inferjuri.

Illi l-iskop wara l-pattegjament huwa wiehed uniku li ma jkunx hemm sorprizi ghax b'dan il-mod tigi stultifikata ghal kollox din il-prattika.

Illi f'dan il-kaz la l-Qorti kellha f'mohha li tiddipartixxi daqstant minn dak pattwit zgur li l-prudenza kienet tirrikjedi li l-Qorti kellha taghti xi indizju u mhux li tissorprendi lill-appellant b'dan il-mod.

Illi l-element ta' sorpriza zgur mhux konducenti ghall-ahjar forma ta' gustizzja peress li pregudikat mhux biss lill-imputat imma sfortunatament anke lill-istess difensur li jkun iggwida lill-klijent tieghu fuq dak li normalment jigri.

Illi f'dan il-kaz huwa zgur li kieku d-difiza kellha indizji mod iehor kienet tirregola ruhha mod iehor kif ser jigi ampjamnet spjegat lil din il-Qorti.

Illi bid-dovut rispett il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena tenfasizza izzejjed il-fatt li l-imputat ma ammettiex mill-ewwel.

Illi bid-dovut rispett zgur li ma kienx il-kaz li l-imputat jaqbad u jammetti bl-addocc l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu aktar u aktar meta kien ghadu qed jassisti l-istess

pulizija esekuttiva u jittanta li jasal f'patteggjament ma' l-istess prosekuzzjoni.

Illi huwa minnu li l-appellant ghandhu fedina penali rafrettarja pero' daqstant hu minnu ukoll li l-ammont ta' droga misjuba kienet mita hafna u l-appellant ikkopera mall-pulizja fl-istqarrija tieghu u anke assista lill-istess Pulizija Ezekuttva ulterjorment u b'tali mod li kellu jibbenefika minn artikolu 29 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi hu ghaldaqstant sbalordattivi kif il-Qorti dehrilha li kellha tikkonkludi li t-tnaqqis ta' zewg gradi kellu jigi pacut u nutrilizzat b'zieda ta' zewg minhabba li kondotta u n-nozzjoni guridika ta' rejat kontinwat u dan kontra kull prassi u konvenzjoni. Ta' min jenfazizza li t-traffikar inniffsu jikkontempla aktar minn azzjoni wahda pero' b'daqshekk ma' jikkwalifikax it-traffikar bhala reat kontinwat.

Illi waqt l-ippatteggar naturalment il-prosekuzzjoni u d-difiza ikunu ppruvaw jilhqu bilanc u l-istess ufficjal prosekutur ikun jaf fejn waslet l-ghajnuna li jkun tah l-akkuzat.

Illi m'hemmx dubju illi l-piena ta' tlett snin fic-cirkostanzi ta' tlett kienet tkun piena altro che' ragonevoli.

Ikkunsidrat :

L-appellant gie mressaq quddiem il-Qorti sabiex iwiegeb akkuzi talli fit-28 ta' Ottubru, 2007 u matul il-gimghat ta' qabel dik id-data huwa kiser id-diversi regolamenti u dizpozizzjonijiet tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kawza hadet il-kors normali taghha u permezz ta' verbal tat-12 ta' Dicembru, 2011 l-appellant ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, rega' kkonferma din l-ammissjoni u gie registrat li: *"Is-Supratendent Norbert Ciappara ghall-prosekuzzjoni nforma lill-Qorti illi wara li giet diskussa l-piena bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni,d-difiza u l-prosekuzzjoni qed jaqblu li bl-applikazzjoni ta' l-Artiklu 29 tal-Kap 101Robert Spiteri ghandu jinghata piena ta' tliet snin prigunerija u multa."* B'Sentenza moghtija fit-28 ta'

Dicembru, 2011 (fol 141) l-Ewwel Qorti wara li tat ir-ragunijiet taghha, deherliha illi ma kelliex toqghod ghal dan il-patteggjament u minflok ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ta' hames snin u €3,000 multa.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell fejn l-agravju principali tieghu hu illi l-Ewwel Qorti ma kelliex tinjora l-patteggjament maghmul bejnha u bejn il-prosekuzzjoni u terroga piena li fic-cirkostanzi kienet eccessiva. Argumenta illi minkejja l-istitut ta' "pre-bargaining" quddiem il-Qrati Inferjuri mhuwiex regolat bil-Ligi, peress illi dana japplika biss quddiem il-Qorti Kriminali, saret prassi quddiem il-Qrati tal-Magistrati illi jigu accettati dawn il-patteggjamenti bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza b'mod li l-kawzi jigu decizi b'mod spedit, ma jkunx hemm hela ta' zmien u kullhadd ikun kuntent bis-Sentenza erogata. Ikkwota insostenn il-kawza Il-Pulizija vs Mario Spangol deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali Sede' Inferjuri fis-6 ta' Jannar, 2005.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti kif preseduta kkwotat b'success din is-Sentenza msemmija mill-appellant Il-Pulizija vs Mario Spagnol fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Adil Hassan Mohamed moghtija fit-13 ta' Lulju, 2012 fejn fost affarijiet ohra ntqal: *"Hu minnu illi l-istitut ta' pre-bargining kif regolat bl-Artiklu 453 (a) japplika biss ghall-Qorti Kriminali u dak quddiem il-Qorti Inferjuri mhuwiex regolat bil-Ligi pero' hija prassi komuni illi mhux ta' min jinjora li quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex jithaffew il-proceduri gie li jkun hemm fejn id-difiza u l-prosekuzzjoni jiddikjaraw lill-Magistarat li huma jaqblu fuq il-piena partikulari veru li l-Magistrat mhuwiex marbut madak li jkun rakkomandat u jista jerroga piena differenti minn dak patwit. Pero', huwa principju ta' gustizzja naturali illi meta dana jsir il-partijiet ghandhom jigi maghrfa minn qabel specjalment id-difiza illi m'ghandiex tkun zvantaggjata b'sorprizi illi dwarhom ma tista taghmel xejn. Huwa f'dan il-kuntest li trid tiftiehem is-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Il-Pulizjia vs Mario Spagnol deciza fis-6 ta' Jannar, 2005 fejn intqal "....Mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati*

*(Qorti Inferjuri) l-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura illi ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoji jew htija.".*

*Il-Magistrat jista jaqbel jew ma jaqbilx ma dak patwit pero' meta ma jaqbilx ghandu jiddikjara n-nuqqas ta' addezjoni tieghu qabel ma tinghata s-Sentenza sabiex id-difiza tkun f'pozizzjoni li taghti l-parir lill-akkuzat."*

Ikkunsidrat.

L-Ewwel Qorti kellha kull dritt sabiex ma toqghodx ghal dak patwit bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni u kellha r-ragunijiet kif iddikjerat fl-istess Sentenza il ghala ma kelliex toqghod ghal dak l-arrangament, pero' l' anqas m'ghanda tikkrea sitwazzjoni ta' sorpriza ghad-difiza u ghall-prosekuzzjoni b'mizura jew sanzjoni li ma tkunx mistennija mill-partijiet, f'dan il-kaz, il-patteggjament gie registrat senjament b'mod formali permezz tal-verbal tat-12 ta' Dicembru, 2011 u b'nuqqas ta' ndikazzjoni ghal kuntrarju, l-partijiet kienu qed jistennew illi l-Qorti tedarixxi ma dak il-verbal u kienu ferm sorprizi meta l-Qorti fis-Sentenza ddecidiet illi tmur oltre dak patwit.

Din il-Qorti taghmilha cara illi ma hemm l-ebda ostaklu ghal l-Ewwel Qorti sabiex ma toqghodx ghal dak patwit bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni hlief fil-kaz tal-Qrati Kriminali skont id-dispost ta' l-Artiklu 453 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' l-Ewwel Qorti ghamlet hazin meta hjija ma nfurmatx il-partijit bin-nuqqas ta' aderzjoni taghha u nfaccathom b'sorpriza illi setghet kellha konsegwenzi serji specjalment ghad-difiza.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' dan l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghar-rigward id-dikjerazzjoni ta' htija, tirriformaha ghal fini tal-piena u flok piena ta' hames snin prigunerija tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' tliet snin prigunerija u multa ta' €3,000, bil-bqija tal-kundizzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti jigu konfermati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------